MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 247/2008

Kawza fil-lista: 40

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**
Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li permezz ta' kuntratt il-partijiet isseparaw fil-11 ta' Dicembru 2001; li wara li l-process tal-medjazzjoni nghalaq, l-attrici giet awtorizzata taghmel dawn il-proceduri permezz ta' digriet datat 23 ta' Mejju 2008; li fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet qablu li l-kura u l-kustodja tal-minuri E D u F Aguis ghandha tigi vestita fil-konvenut b'access lill-attrici kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha; li l-attrici accettat it-termini tal-kuntratt minghajr ma fehmet il-kontenut tieghu; li l-konvenut halla lit-tfal ghand missier l-attrici xi snin ilu; li t-tfal jixtiequ jghixu ma' l-omm; li l-attrici trid il-kura u l-kustodja tal-minuri; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tafda l-kura u kustodja

tat-tfal minuri b'mod kongunt b'dan li jkollhom r-residenza fissa taghhom ma' l-attrici; [2] taghti dritt t'access liberu lill-konvenut bi ftehim bejn il-partijiert fl-ahjar interess tal-minuri [3] tordna li ic-"children's allowance" jigu percepiti esklussivament mill-attrici;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: [1] li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici; [2] li l-Qorti tinjora l-fatt li l-attrici ssostniet li hija ma kellha l-ebda ideja x'kien il-kontenut tal-kuntratt u dan minhabba l-fatt li dan gie spjegat min-Nutar; [3] li s-separazzjoni saret minhabba adulterju da parti tal-attrici u li tghix hajja xellerata; [4] li l-attrici ma riditx il-kura u l-kustodja tat-tfal biex tkun libera, li hi qatt ma hadet hsieb lill-uliedha u li qieghda titlob dan wara dan iz-zmien kollu, m'ghandhiex post fejn izomm it-tfal; [5] li l-iskop ta' l-attrici huwa li tharreg lill-uliedha fl-istess hajja ghas-sess; [6] li l-attrici ghandha tfal ohra minn ragel iehor li halliethom ma' missierha, li l-attrici ghandha diffikultajiet finanzjarji u ghalhekk kif ser tiehu hsieb lit-tfal, qed taghmel dan biex tiehu l-beneficcju finanzjarju bhal children's allowance u beneficcju iehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda in sostanza titlob li din il-Qorti tafdaha bil-kura u kustodja kongunta mal-konvenut tal-minuri E D li twieldet fil-25 ta' Frar 1993 u F D li twieldet fit-13 ta' Settembru 1997 kif ukoll li l-konvenut, missier l-istess minuri jkollu access liberu bi ftehim bejn il-partijiet, u ic-children's allowance jigu ppercepiti esklussivament mill-omm.

**Il-Fatti**
[1] Illi mill-provi jirrizulta li fil-25 ta' Frar 1993 twieldet E, illum maggjorenni, u fit-13 ta' Settembru 1997 twieldet F, mill-partijiet;

[2] Illi pemezz ta’ kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia l-partijiet isseparaw fil-11 ta’ Dicembru 2001;

[3] Illi fi klawzoli 1 u 2 (a), (b), (c) u (d) gie miftiehem bejn il-partijiet li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi assenjata esklussivament lill-konvenut u li l-attrici ghandha jkollha access fil-granet u hinijiet pre-stabbiliti; gie wkoll miftiehem li l-attrici m’ghandhiex tmur l-iskola ghat-tfal u li l-konvenut ikollu dritt li jiccpercepixxi kwalsiasi ghajnuna li johrog il-Gvern jew xi awtorita`, bhal children’s allowance.

[4] Illi l-attrici ssostni li meta hija ffirmat dan l-kuntratt ta’ separazzjoni ma kellhiex idea ta’ dak li kienet qed tiffirma u dan peress li hija ghexet l-Awstralja u l-kuntratt sar bil-lingwa Maltija meta hija la kienet taf taqra u anqas tikteb bil-Malti.

[5] Illi huwa pacifiku li mis-separazzjoni tal-partijiet l-minuri ghexu man-nannu matern, Anthony B, hlief ghal xi zmien limitat fejn wahda mal-minuri kienet tirrisjedi ghand in-nanna materna fejn ma xtaqietx aktar tibqa’ u ghalhekk marret hi wkoll tghix man-nannu matern flimkien m’ohtha.

[6] Illi l-attrici tallega li l-konvenut kien abbuziv fil-konfront taghha u din kienet ir-raguni ghaliex hija ffirmat il-kuntratt minghajr ma kienet fehmet il-kontenut.  Filwaqt li da parti tieghu l-konvenut jghid li l-attrici kienet tghix hajja xellerata u riedet li tiehu lill-uliedhom biex thajjarhom jaqbdu l-istess triq.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti tosserva li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici hija nkonsistenti u kontradittorja, u ser tigi skartata minn din il-Qorti.

L-attrici, filwaqt li tghid li hi ma kinitx fehmet il-kontenut tal-kuntratt tas-separazzjoni, stante li hi ma tafx tikteb u taqra bil-Malta, u li kieku fehmet il-kontenut *“ma kontx niffirmalu*

*zgur”*[1], tghid li hi kienet iffirmat il-kuntratt ghax kienet giet mhedda mill-konvenut u kienet tibza’ minnu.

In propozitu l-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mill-kuntratt tas-separazzjoni, u anke ex-admissis mill-attrici, il-kuntratt kien gie debitament moqri min-Nutar qabel il-pubblikazzjoni, u ghalhekk, it-tezi attrici li hi ma fehimtx dak li kienet qed tiffirma ghalih hija dghajfa hafna mill-lat ta’ kredibilita’.

Inoltre, ghalkemm il-kuntratt kien gie iffirmat fl-ahhar tas-sena 2001, u l-attrici kienet irceviet kopja tieghu minn Nutar, hija fethet il-kawza wara kwazi seba’ [7] snin mill-iffirmat tal-kuntratt. Il-Qorti tosserva li, kieku verament l-attrici ma kinitx taf x’ fih il-kuntratt, dato ma [certament] non concesso, hija kellha z-zmien kollu li tiehu l-kopja ghand bniedem legali sabiex ifehmulha. Izda l-attrici baqghet passiva f’dan ir-rigward, u minnflok, marret l-Awstralja ghal xi zmien, filwaqt li t-tfal baqghu Malta u trabbew minn missierha, Anthony B.

Illi jirrizulta pacifiku li, hekk kif il-kura u kustodja tat-tfal giet fdata f’idejn il-konvenut, dan baghat it-tfal jghixu ghand l-imsemmi Anthony B li baqa’ jiehu hsiebhom sakemm E saret maggjorenni, filwaqt li t-tifla F li ghadha minuri, ghadha tghix ghandu. Min-naha tieghu l-konvenut kien jghaddi manteniment mensili lill-istess Anthony B ghat-trobbija tat-tfal.

Illi jirrizulta car ghal din il-Qorti li z-zewg genituri ma kienux ezemplari fil-hajja ta’ wliedhom, u kien dovut ghall-ghaqal u mhabba tan-nannu matern li dawn trabbew f’ ambjent sikur u tajjeb.

Ghaldaqstant il-Qorti thoss li mhuwiex fl-interess tal-minuri F illum li, ghandha hmistax-il sena, li f’ dan l-istadju tigi zradikata mill-ambjent fejn trabbiet. Ghalhekk din il-Qorti, b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 149 tal-Kap.16, tordna li, minkejja dak pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-

[1] Fol.44

separazzjoni, din il-minuri tibqa’ tghix man-nannu matern bi dritt ta’ access favur il-genituri konkordat mal-minuri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici; izda tordna li t-tifla F tibqa’ tghix man-nannu matern Anthony B, b’ access favur il-genituri konkordat mal-minuri.

Spejjez a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------